**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 122/01JR**

**Progress Press Co. Ltd.**

**vs**

**Megabythe Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u tmenin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm83.55), premess illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici fis-somma imsemmija bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-prezz ta' diversi tiswijiet/manutenzjoni fuq "office equipment" maghmula mis-socjeta` attrici fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta;**

**Premess illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;**

**Premess illi nonostante li debitament interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 19 ta' Jannar, 1999, u 3 t'Awissu, 1999, u bl-imghax legali mid-19 ta' Jannar, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata fit-23 ta' Marzu, 2001, li biha s-socjeta` attrici cediet is-sorte stante pagament pero` zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 19 ta' Jannar, 1999, u 3 t'Awissu, 1999.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**